**1 ta' Frar, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. HIST. S.**

Angela sive Gina Balzan

*versus*

Paul Argento u Direttur tar-Reġistru Pubbliku

***'Lis Alibi Pendens'* – Rekwiżiti**

*Illi sabiex tirnexxi l-'lis alibi pendens' tliet rekwiżiti jridu jissusitu:*

1. *il-kawża trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qegħdin jaġixxu fl-istess kwalità* – ***eadem personae;***

2. *irid ikun hemm ukoll l-**eadem res;***

3. *li t-talbiet irid ikollhom l-istess kawża* ***idem ius, eadem causa petendi.***

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fil-21 ta' Settembru 1983 kien sar att quddiem in-Nutar Joseph Henry Saydon li permezz tiegħu l-komparenti Joseph Balzan u Vincenzo Nocilla f'isem is-soċjetà *Sicilian Catering Company Limited* kienu obbligaw ruħhom li jħallsu s-somma mislufa lill-imsemmija kumpanija mill-*Mid Med Bank*

*Limited* permezz ta' kuntratt bl-istess ġurnata b'rata mensili ta' mhux anqas minn elf lira (Lm1000) kull rata bl-ewwel rata titħallas fl-1 ta' Ottubru 1983 u dan kif jidher mill-istess att li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn anness u mmarkata Dokument A;

Premess illi in kawtela ta' l-adempiment ta' l-obbligi minnhom assunti bl-imsemmi att (Dok. A) l-istess komparenti Joseph Balzan u Vincenzo Nocilla ipotekaw il-beni tas-soċjetà *Sicilian Catering Company Limited* in ġenerali u l-komparenti Angela sive Gina Balzan ċjoè l-attriċi b'mod solidali mal-kumpanija l-beni segwenti u ċjoè:

*Omissis;*

Premess fuq l-iskorta ta' dan l-att (Dok. A) in-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon irreġistra ipoteka speċjali favur Paul Argento fuq is-segwenti beni proprjetà ta' l-attriċi liema ipoteka speċjali ġġib in-Numri 17704/83;

Premess illi din l-ipoteka speċjali favur Paul Argento ma tirriżultax mill-att tal-21 ta' Settembru 1983 (Dok. A) u ma ġietx b'ebda mod kostitwita favur l-imsemmi Paul Argento b'hekk ġiet reġistrata favur tiegħu bi ksur tal-liġi;

Talbet għalhekk l-attriċi lil din il-Qorti:

1. tiddikjara l-imsemmija ipoteka speċjali favur Paul Argento u gravanti l-beni ta' l-attriċi fuq imsemmija bħala nulla u illegali stante li rreġistrata kontra l-liġi;

2. tordna l-kanċellament ta' l-imsemmija ipoteka;

3. tappunta Nutar Pubbliku sabiex jirrediġi u jippublika l-att tal-kanċellament;

4. tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirċievi l-att tal-kanċellament u jirreġistra l-kanċellament relattiv;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn eċċeppew bir-rispett:

*Omissis;*

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-reġistrazzjoni ta' l-ipoteka in kwistjoni saret skond il-liġi u ċjoè *ai termini* ta' l-artikoli 2042 u 2045 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Illi fi kwalunkwe każ, huwa jirrimetti ruħu għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi hu ma għandux ibati spejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paul Argento fejn eċċepixxa bir-rispett:

Illi in linea preliminari, l-esponent jeċċepixxi l-*lis alibi pendens;*

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

L-eċċezzjoni preliminari sollevati mill-konvenut Paul Argento dwar il-***lis alibi pendens:***

Filwaqt illi l-attriċi *per via* ta' nota ta' osservazzjonijiet ipprezentat kważi monografija, il-kontroparti baqgħet ma wieġbet xejn. Lanqas tressqu xi provi in sostenn ta' l-eċċezzjoni tal-***litis pendentie*** sollevata mill-konvenut Argento ħlief illi saret *riferenza* għall-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-kummerċ fl-ismijiet "William Warrington *nomine* vs Joseph Balzan *et*" (Ċit. Nru. 820/84 CS) u xejn aktar. Dan mhux mod kif jinġiebu provi. *Prima facie* però għandu *ictu oculi* jirriżulta li l-persuna li qiegħda tippromovi din il-kawża in diżamina ma hijiex l-istess waħda li qiegħda tippromuovi l-kawża l-oħra. Meta l-attur fil-*kawża l-oħra qiegħed iħarrek lill-odjerna attriċi bħala konvenuta* flimkien mal-konvenut Argento, huwa diffiċli ferm sabiex tikkonċepixxi kif it-talba tista' tkun l-istess. Ma hux eskluż li hemm konnessjoni f'dak li huwa suġġett imma t-talba żgur li tidher waħda differenti. Di fatti x'aktarx li fil-kawża l-oħra l-Bank qiegħed iħarrek lill-attriċi u lill-konvenut in vista tal-garanzija mogħtija – però t-talbiet u l-posizzjoni tal-kontendenti mhux biss hija differenti imma għandek proċedura inizjata minn attur divers u estraneju għall-kawża ċivili;

Illi sabiex tirnexxi l-***'lis alibi pendens'*** tlett rekwiżiti jridu jissussistu:

1. il-kawża trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikun qegħdin jaġixxu fl-istess kwalità – ***eadem personae;***

2. irid ikun hemm ukoll l-***eadem res;***

3. li t-talbiet irid ikollhom l-istess kawża ***'idem ius, eadem causa petendi';***

Dan magħdud għalhekk, għandu jirriżulta illi l-eċċezzjoni in diażamina ma treġġix;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* sollevata mill-konvenut Paul Argento, spejjeż tiegħu, u tordna fl-istess waqt bil-prosegwiment tal-kawża dwar il-mertu.